## Czech Republic

# Prague

**INŻURU:** Prague, Vlatva, Dresden, Český Krumlov, Karlovy Vary, Kutna Hora

**Grupp A:** 11-18 ta’ Settembru
**Grupp B:** 09 -16 t’ Ottubru

### IS-SIBT
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta’ Malta fil-10.45 għal titjira KM538 li ttir fis-12.40 u tasal Praga fit-15.10 . Mal-wasla tagħna nibqgħu sejrin lejn il-Ħotel Adria 4 star+ (Fiċ- ċentru). Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Wara mmorru passiġata sal-pjazza Prinċipali biex ingawdu l-atmosfera pjaċevoli.

### IL-ĦADD
Buffet breakfast u eskursjoni għal Český **Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fit-triqtna lejn Český **Krumlov**, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma’ għadd ta’ villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.



### IT-TNEJN
Breakfast u llum sa jkollna city tour, fejn naraw postijiet ta’ interess bħal **Prague Castle** - kumpless kbir ta’ bini fejn fost l-oħrajn insibu l-**kastell S.Vitus**, il-bażilika ta’ San Ġorġ u l-**palazz irjali**. Ma jonqosx inżuru l-Knisja fejn hemm il-**Bambin ta’ Praga, Kampa Island**, **Charles Bridge** eċċ. Filgħaxija noffrulkom lejla folkloristika (extra) bl-ikel u żfin tradizzjonali

### IT-TLIETA
Il-belt ta’ Praga għandha wisq x’toffri lit-turist, għalhekk illum ser ikollna ġurnata libera biex tgawdu din il-belt. Min irid jista jmur ma’ tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva min fejn naraw il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħin għal ikel (extra). Min irid jista’ jmur shopping. Filgħaxija noffrulkom lejla folkloristika (extra) bl-ikel u żfin tradizzjonali.

### L-ERBGĦA
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l’opportunita li napprezzaw l-kampanja ta’ din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta’ Karlovy Vary tinsab f’wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta’ Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall hu nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.

### IL-ĦAMIS
**Praga** belt mill-isbaħ u għandha ħafna x’toffri lit-turist, għalhekk ser ikollna l’opportunita li nkomplu niskopru din il-belt. Flimkien mal-gwida naraw parti oħra mill-belt, f’dan is-City Tour se nżuru l-**Old Town Square imdawwar b’bini b’arkittetura diverża inkluża il-knisja Gotika Our Lady Before Tyn bil-kampnari tagħha għolja 80metru, Astronomical Clock li jinsab fit-Town Hall** li hu t-tielet l-eqdem arloġġ astronomiku fid-dinja, **Jan Hus Memorial**. Issa jmiss li nżuru il-**Jewish Quarters, naraw sinagogi u Old-Jewish Cemetery.**

**8**
**T’IJIEM**

**MINN €**
**755**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta’ tlett persuni | €805 | €755 |
| Kamra ta’ żewġ persuni | €810 | €760 |
| Kamra ta’ persuna waħda | €980 | €1020 |
| Tfal sa 11-il sena f’kamra ma’ żewġ adulti | €550 | €500 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal Air Malta: Malta-Praga-Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il programm (entraturi mhux inklużi)
- 7 t’iljieli-Hotel Adria 4 star+ fiċ ċentru ta Praga
- Kmamar kollha bil-faċilitajiet private u b’arja kkundizzjonata
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport, city tax u service charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

### IL-ĠIMGĦA
Eskursjoni ta’ ġurnata li sa teħodna fil-belt medjeavli ta’ Kutna Hora. Nesploraw din l-area ta’ seklu 13 li hi magħrufa għall-minjieri tal-fidda. Hawn ser ikollna l-opportunita li naraw il-Katidral majestuz stil gotiku iddedikat lil St Barbara, monumenti sbieħ u djar storiċi. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Nkomplu lejn Sedlec fejn inżuru l-Bone Chapel. Nirritornaw lura l-Hotel.

### IS-SIBT
Il-belt ta’ Praga għandha wisq x’toffri lit-turist, għalhekk illum ser ikollna nofs ta’nhar tal-aħħar libera biex tgawdu din il-belt. Min irid jista jmur mat-tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva. u hekk inkunu nistgħu nammiraw is-sbuħija li toffri din il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħin għall-ikel (extra). Min irid jista’ jmur shopping. Wara nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira KM539 li ttir fl-16.00 u naslu lura Malta fis-18.30.